**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Nadine Sant Lia**

**B.A.; LL.M (Kent); LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru:** 224/2022

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Aldo Busuttil**

**Josè Bajada**

**Charisse Law**

Illum it-12 ta' Dicembru 2024.

Il Qorti:

Rat li l-Pulizija ressqet lil **Aldo Busuttil** ta' sebgħa u ħamsin (57) sena, iben Francis Busuttil u Pauline neè Galea, imwieled Tarxien nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sittin (1964) u residenti stta u ħamsin (56), "Etude", Triq il-Ballut, Attard detentur tal-karta tal-identita' 295564M, f'ismu propju kif ukoll għan-nom ta' u/jew in rappreżentanza ta'

**AME Health and Safety Services Limited** C44347; u, **Josè Bajada**, ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben Joseph Bajada u Irene nee' Azzopardi, imwieled Attard nhar l-erbgħa (4) ta' Frar 1979 residenti tmienja (8), Triq il-Vitorja, Birkirkara, BKR 03, detentur tal-karta tal-identità 83579M f'ismu propju u għan-nom ta' u/jew in rappreżentanza ta' **AME Health and Safety Services Limited** C44347; u, **Charisse Law**, ta' tlieta u tletin (33) sena bint Emaunuel Zahra u Maria Rosaria neè Attard, imwielda il-Pietà nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989), residenti Flat 1, 40, Triq il-Velleran, Fgura, FGR 900, detentriċi tal-karta tal-identità 161689M, f'isimha propju u għan-nom ta' u/jew in rappreżentanza ta' **AME Health and Safety Services Limited** C44347;

F'isem ir-Repubblika ta' Malta, ġew akkużati talli fit-tmineja u għoxrin (28) ta' April elfejn u għoxrin (2020) u fil-jiem u x-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula minnhom u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifikaw ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra li meta jiġu ppreżentati wieżed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u cirkostanzi, għamlu xjentement użu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom nfushom jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi il-ħsieb li jwettqu frodi b'għemiel qarrieqi, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u li taw bidu għall-eżekuzzjoni tar-reat ta' frodi b'għemil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaga b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqlu tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' ħaddiehor ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) liema reat ma seħħx minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom;

Rat li matul l-eżami tal-imputati fl-udjenza tal-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tal-elfejn u tnejn u għoxrin (2022), ai termini ta' l-Artikolu 392 (1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar l-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ippreżenta formalment l-artikoli tal-ġudizzju ta' liema l-imputati għandhom jiġu aġġudikati minn din il-Qorti u jinstab ħati u ċioe[2]:

a. Fl-artikoli 18, 167 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 32 u 34 ta' l-atti proċesswali
[2] Folio 457 u 458 ta' l-atti proċesswali

b. Fl-artikoli 18, 169, 183, 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 18, 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 18, 41(1)(a), 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 17, 31, 121D, 310A, 532A; 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023 din il-Qorti, wara li ġew moqrija l-istess artikoli tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati jekk kellhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati żmien xieraq biex iwieġbu għal din il-mistoqsija, wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' dawn it-tweġibiet fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[3]

Semgħet ix-xhieda viva voce prodotti quddiem din il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tal-elfejn u għoxrin (2023).[4]

Rat illi d-difiża għall-imputat Aldo Busuttil għalqet il-provi tagħha nhar id-disgħa (9) ta' April ta' l-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).[5]

Rat li l-imputat Josè Bajada għażel u ddikjara li ma jixhidx.[6]

[3] Folio 459 ta' l-atti processwali
[4] Folio 469 ta' l-atti processwali
[5] Folio 569 ta' l-atti processwali
[6] Folio 569 ta' l-atti proċesswali

Rat illi d-difiża għall-imputata Charisse Law għalqet il-provi tagħha nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju ta' l-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet g]al-lum gas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għal nhar it-28 ta' April 2020 u qabel, meta skont il-kwerela tas-17 ta' Lulju 2020[8], l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà irċeviet dokumenti b'firem u dikjarazzjonijiet foloz mingħand il-kumpannija AME Health and Safety Limited li ngħataw is-sembjanza li tħejjew u ġew iffirmati minn żewġ uffiċjali għolja tal-Aġenzija u dan kif irriżulta lill-kwerelanta, l-Aġenzija Infrastructure Malta.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser tagħmel riferenza għax-xhieda li nstemgħet *viva voce* u għad-dokumenti saljenti li hija semgħet u li ġew preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

[7] Folio 591 ta' l-atti processwali
[8] Folio 42 ta' l-atti proċeswali

**L-Ispettur Claire Borg** xehdet[9] li nhar l-20 ta' Awwissu 2020 investigat il-każ li kellu x'jaqsam ma' falsifikazzjoni ta' dokumenti u attentat ta' frodi għad-detriment tal-Aġenzija, Infrastructure Malta. Nhar il-31 ta' Awissu 2020, kienet ittieħdet dikjarazzjoni ta' Frederick Azzopardi, is-CEO tal-Agenzija fejn qal li l-Aġenzija kienet ingaġġat lill-AME Health and Safety Limited fis-sena 2019. Wara eżeċizzju mill-Internal Audit tal-Aġenzija rriżulta li xi *commemcement project forms* kienu ffalsifikati, peress li z-żewġ Periti tal-Aġenzija, Robert Schembri u Henry Attard, qatt ma kienu ffirmawhom. Il-firem tagħhom "kienu *copy and paste* minn fuq applikazzjoni oħra u kien hemm id-dati imniżżla fuq l-istess applikazzjoni kienet qed titranġa jew miżjuda b'mod manwali."[10] Hija qalet li kien hemm punt ieħor li ta lok għal suspett: "… kull road project li kien hemm bżonn xi manutenzzjoni jew xi xogħolijiet li kienu qed isiru kienet dejjem titniżżel hemm il-five hundred man days u kien irrelevanti kemm kien ser ikun estensiv dan il-proġett. Jiġifieri triq zgħira għal triq kbira dejjem kienet qed titniżżel five hundred man days."

Ix-xhud stqarret li meta tkellmu mal-Pulizija Eżekuttiva, Robert Schembri u Henry Attard qalu li ndunaw minn audit li ntużaw firem tagħhom fuq commencement notices u li kien hemm talbiet għall-ħlas żejda. L-istess Periti kkonfermaw dan mal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (OHSA).

Nhar it-18 ta' Jannar 2021 ix-xhud kellmet lid-direttur tal-kumpannija de quo, Aldo Busuttil u ttieħditlu stqarrija[11] skont il-proċedura li trid il-Liġi. Hija qalet li Aldo Busuttil ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija u qalilha li kien sar hekk biex l-Aġenzija, Infrastructure Malta setgħet tkun konformi ma' dak li riedet l-Avviż Legali 88 tal-2018 f'madwar sebgħin proġett u sabiex seta' sar dan kien hemm komunikazzjoni bejn Josè Bajada u Lawrence Darmanin mill-Aġenzija. Ix-xhud

[9] Folio minn 35 sa 41 ta' l-atti proċesswali
[10] Folio 36 ta' l-atti proċesswali
[11] Folio 23 sa 26 ta' l-atti proċesswali

qalet li: "Kien ingħatalhom document Section C u D ta' din in-notifika li fuqha kien hemm il-firem ta' Attard, Schembri kif ukoll il-firem ta' Aldo Busuttil u kienet inżammet soft copy li baqgħet tintuża għal kull proġett ieħor. Skont Busuttil dan kollu kien sar bi skop ġenwin sabiex jagħġlu l-proċess u sabiex Infrastructure Malta jkunu in line ma' dan il-legal notice." Id-dokument kien intuża għall-iskop ta' applikazzjoni tal-OHSA. Skont Aldo Busuttil, Josè Bajada kien jipprovdi l-formola lis-segretarja tal-kumpannija, charise Law, li kienet timla l-applikazzjoni bid-dettalji u tbiddel id-data manwalment. Ix-xhud qal li Aldo Busuttil stqarr li l-liġi kienet tippermetti minimum ta' five hundred man days. L-Aġenzija kienet tagħti xi ħlasijiet lill-kumpannija: "Kien sar xi qbil bejniethom li l-ammonti jitħallsu b'dan il-mod."

Meta il-Pulizija Eżekuttiva kellmet lis CEO tal-Kumpannija, Josè Bajada nhar it-3 ta' Frar 2021 skont il-proċedura kif trid il-Liġi u ta stqarrija[12] fejn qal li l-kumpannija ngħatat xogħol permezz ta' direct order u l-Aġenzija kienet intalbet tħallas l-ammont ta' €69,884.25.

Ix-xhud qalet li wara laqgħat li kellha mal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, nġiebu akkużi kontra l-Imputati. Hija ppreżentat għadd ta' dokumenti li kienu jinkludu l-kwerela[13] u l-construction notification forms[14]. Hija kkonfermat bil-ġurament tagħha l-istqarrijiet tat-tlett Imputati. Fil-kontro-eżami tagħha u għall-mistoqsija jekk kinux ġew identifikati il-formali li kienu iffirmati minn Henry Attard u Robert Schembri u dawk li ma kinux, l-Ispettur wieġbet li sa fejn kinent taf hi ma kinux. Hija rreferiet għall-istqarrija ta' l-Imputata Charisse Law li din tal-aħħar kienet qalet li Josè Bajada u Aldo Busuttil kienu tawha xi struzzjonijiet biex tuża l-istess template li kienu jagħmlu bi proġetti oħra u ppreċiżat li l-kliem copy and paste kienet tirreferi fejn "kienet tirranġa xi dettalji

[12] Folio 15 sa 17 ta' l-atti proċesswali
[13] Folio 42 sa 43 ta' l-atti proċesswali (Dok. CB1)
[14] Folio 24 sa 108 ta' l-atti proċesswali (Dok. CB5)

b'idejha stress hi, id-data ta' meta ngħata l-proġett, fost dettalji ohra…"[15] Għall-mistoqsija jekk mill-investigazzjoni kienux ġew identifikati x'kienu t-tibdiliet li kienu saru fuq il-formoli u jekk kienx ġie elevat xi computer equipment jew photocopiers, l-Ispettur wieġbet fin-negattiv izda l-Pulizija Eżekuttiva kienet ingħatat id-dokumenti li fuqhom hemm il-kwistjoni. Mistoqsija dwar x'investigazzjonijiet saru mal-OHSA jiġifieri, jekk uffiċjali tal-OHSA kinux ġew mitkellma min bagħat u / jew irċieva emails u min kien ikkuppjat biha, l-Ispettur wieġbet li: "min-naħa tiegħi ma jidhirx li ġew mitkellma l-OHSA."[16]

Xehed[17] bil-ġurament **Frederick Azzopardi** li fil-perijodu de quo kien is-CEO tal-Aġenzija, Infrastructure Malta. Huwa qal li l-Aġenzija kienet ingaġġajat lill-kumpannija, AME Health and Safety Limited, biex tagħmel xogħol konness ma' saħħa u sigurtà peress li kien hemm ħafna xogħolijiet fuq siti ta' kostruzzjoni. Huwa ġie muri s-sett dokumenti mmarkati bħala Dokument CB1 u għarafhom bħala l-formola li bil-liġi riedet tkun ippreżentata lill-OHSA meta ċertu man hours jinqabżu. Huwa qal li: "Ġara li kellna proġetti li jikwalifikaw għax huma iktar minn five hundred man days imma kellna proġetti li ma jikkwalifikawx. Waqt audit anke li għamilna internament waqt li kien għaddej ix-xogħol irriżulta li kienu daħlu construction notification forms għand l-Awtorità meta ma kienx hemm il-bżonn. Jekk tara hekk ma fiha xejn ħażin imma l-problem qiegħda li meta ddaħħal constructin application form aħna niġu bbiljati … Minn kumpannija AME. … meta ma kienx hemm għalfejn il-bżonn li niġu bbiljati." Ix-xhud irrefera għal żewġ Executive Directors tal-Aġenzija li kienu firmatarji in rappreżentanza tal-istess Aġenzija. Kien ġiet nnotat li l-firem ta' n-notification form kien fotokopjati u kellu jsir rapport permezz ta' kwerela lill-Pulizija Eżekuttiva fuq żewġ affarijiet: firem mhux oriġinali u talbiet għall-ħlas mhux dovuti. Il-kumpannija twaqqfet milli tkompli tagħti servizzi lill-

[15] Folio 516 ta' l-atti proċesswali
[16] Folio 520 ta' l-atti proċesswali
[17] Folio 109 sa 128 ta' l-atti proċesswali

Aġenzija. Ix-xhud qali li kienu ddiskutew dawn iż-żewġ punti dwar il-firem u l-over-charging mar-rappreżentanti tal-kumpannija. Sar eżerċizzju u kienu ġew identifikati ċerti żbalji bħal double invoicing: "Sfortunatament hawnhekk kellna nuqqas aħna għax filwaqt li aħna għidnielhom li dik is-site ħa nibdew ix-xogħolijiet ma konniex infurmajnihom li hemmhekk għadna ma bdejniex." L-iżbalji ġew irranġati u fejn kien hemm in-notifications de quo il-flus li kienu tħallsu żejda kienu ġew paċuti ma' flejjes li l-kumpannija kellha tirċievi mingħand l-Aġenzija. Huwa qal li: "Mela fejn jidħol flus ġiet sorted."[18] Il-Partijiet konċernati waslu fi ftehim. Rigward il-kwistjoni tal-firem, ix-xhud qal li r-rappreżentanti tal-kumpannija kienu taw ir-raġuni li meta oriġinarjament sar il-ftehim bejniethom dwar ix-xogħol, huma kienu ħaduha "for granted li isma' biex ma noqogħdux niġu kull darba għax dan kien hemm ħafna minnhom niffirmaw għamilna fotokopja."[19] Ix-xhud spjega li: "Allura hemmhekk qishom żammew template, jiffotokopjaw lilha u mbagħad jibdlu l-biċċiet l-oħra. Ovvjament għalina aħna dik mhix aċċettabbli." L-Executive Directors tal-Aġenzija esprimew ruħhom li din ma kinitx ġusta peress li kienu se jitqiesu responsabbli dwar sit/i li huma lanqas biss jafu biha. Ir-rappreżentanti tal-kumpannija ġġustifikaw ruħhom għax "aħna ħadna l-impressjoni li la darba intom li tajtuna l-go ahead fil-bidu allura stajna nagħmluha." Ix-xhud qal li: "… fl-ebda ħin ma kien hemm l-intendere isma' aqbdu iffotokopjaw u użaw l-firem ta' xi ħadd minn tagħna.[20]" u, "Jiena qatt ma tajt il-go ahead u ż-żewġ persuni involuti li jistgħu jikkonfermaw qatt ma taw il-go ahead jagħmlu photocopy tal-firma.[21]" Huwa qal li notification forms – invoices - kienu jidħlu għand Lawrence Darmanin impjegat tal-Aġenzija. Fuq mistoqsija ta' din l-Onorabbli Qorti, ix-xhud ġie muri d-Dokument CB5 u qal li r-raba' paġna tan-notification forms bil-firem kienet replikata. Il-firma ta' Aldo Busuttil kienet

[18] Folio 112 ta' l-atti proċesswali
[19] Folio 112 ta' l-atti proċesswali
[20] Folio 113 ta' l-atti proċesswali
[21] Folio 118 ta' l-atti proċesswali

tvarja fuq il-paġna de quo iżda dawk ta' Robert Schembri u Henry Attard kienu super imposed. Dawn l-oriġinali ta' dawn il-formoli kienu jintbagħtu lill-OHSA. Għall-mistoqsija dwar kif kienet tħalliet is-sitwazzjoni meta x-xhud kien temm l-inkarikgu tiegħu mal-Aġenzija, huwa wieġeb li: "Aħna konna ssetiljajna fis-sens iż-żewġ issues.[22]" Kien sar ftehim u l-kwistjoni dwar l-ammonti kienet ġiet riżolta. Huwa qal li fejn kellu x'jaqsam madwar il-firem l-Executive Directors kienu qalulu li l-interess tagħhom kien li dak l-użu tal-firem tagħhom ma jerġax jigri u ma kinux after the pound of flesh. Ix-xhud stqarr li: "Allura jiena għalina l-każ kien magħluq.[23]" Meta din l-Onorabbli Qorti ġibdet l-attenzzjoni tax-xhud għall-fatt li ġiet ippreżentata kwerela minkejja li għalih il-każ kien magħluq, ix-xhud wieġeb li: "Mela given that this is public funds jiena naħseb inkun qed nonqos li jekk innutajt xi ħaġa bħal din ma nagħmilx kwerela għax inkella niġi kritikat..."[24] Fil-kontro-eżami tiegħu ix-xhud qal li waqt id-diskussjonijiet intużat il-kelma "misunderstanding" u li "Huma kellhom l-impressjoni li jistgħu jibqgħu jużaw l-istess karta." L-Aġenzija kellha backlog ta' invoices u xi nuqqasijiet biex b'hekk "aħna li jista' jkun qabżulna ċertu affarijiet."[25] Meta sarlu l-kontro-eżami[26], x-xhud qal li kien involut fil-proċess tal-ingaġġ tal-kumpannija u kien permezz ta' direct order. Huwa kien jikkomunika ta' Mario Camilleri u Aldo Busuttil bħala diretturi u azzjonisti tal-kumpannija. Meta seħħ il-każ in dizamina Josè Bajada ħa sehem fid-diskussjonijiet dwar id-dokumentazjoni u x'ġara jew ma ġarax. Ir-rwol kellu jkun ta' Project Supervisor u danir-rwol inter alia kien jinvolvi funzzjoni ta' health and safety. Rigwardil-firmatarji ta' Construction Notification Forms, ix-xhud qal li ried ikun hemm il-firma tal-klijent, jiġifieri l-Aġenzija; seta' jiffirma hu stess iżda Henry Attard u Robert Schembri kienu l-firmatarji. Kellu jkun

[22] Folio 120 ta' l-atti proċesswali
[23] Folio 121 ta' l-atti proċesswali
[24] Folio 121 ta' l-atti proċesswali
[25] Folio 124 ta' l-atti proċesswali
[26] Folio 492 ta' l-atti proċesswali

hemm ukoll il-firma tal-Project Supervisor, cioè, il-kumpannija. Rigward ma' min kienu jikkomunikaw, ix-xhud qal li iktar kien ma' l-Imputat Aldo Busuttil. Matul il-kwistjoni ix-xhud qatt ma kien ra lill-Imputata Charisse Law u ħadd ma kien semmiegha miegħu u lanqas kienet involuta fin-negozjati tal-ftehim. Filwaqt li x-xhud dejjem kien preżenti waqt it-taħditiet biex jitlaħaq ftehim, Henry Attard u Robert Schembri mhux dejjem ipparteċipaw. l-Aġenzija kellha tilwim ma' kuntratturi dwar invoices u diskrepanzi u li dawn jiġu riżolti wara li uffiċjali jmorru fuq is-sit u jkejlu u jsir qbil. Iżda x-xhud qal li "Fiċ-ċirkostanza ta' din, given li kien hemm anka n-notification form jien ħassejt li ... għandi nagħmel rapport."[27] Henry Attard u Robert Schembri kienu l-uniċi Executive Directors. Dwar ir-rappreżentanza ċivika legali ta' Infrastructure Malta ix-xhud qal li kien hu li kellu r-rappreżentanza ġuridika fejn jidħlu notification forms u "meta ma kontx inkun hemm tajthom id-dritt li jiffirmaw it-tnejn flimkien u mhux wieħed minnhom."[28] Huwa kkonferma li l-construction notification forms ġew sottomessi lill-OHSA kollha kemm huma u ġew segwiti bil-ħruġ ta' fondi u bil-Form B titwaħħal fuq is-sit. Huwa kkonferma li qatt ma kien hemm xi issue minn naħa tal-OHSA illi b'xi mod ilmentaw dwar il-formoli de quo. Huwa kkonferma li wara li ġiet ingaġġjata l-kumpannija kienet tintbagħatilha email lill- minn Lawrence Darmanin jew xi Perit li kienet tindika l-post u in-numru tal-file[29]. Huwa kkonferma li meta saru n-negozzjati li wassal għall-ftehim kien hemm preżenti Dr Joe Giglio, Mario Camilleri u mhux Aldo Busuttil. Huwa qal li Infrstructure Malta ma sofrietx danni stante li kine intlaħaq ftehim bejn il-partijiet. Huwa qal li kien fisser għaliex ma kienx waqqa' l-kwerela u cioè, "għax jien jekk bħala CEO se nwqagħha ħa nieħu pożizzjoni."[30]

[27] Folio 497 ta' l-atti proċesswali
[28] Folio 537 ta' l-atti proċesswali
[29] Folio 540 ta' l-atti proċesswali
[30] Folio 544 ta' l-atti proċesswali

**Robert Schembri** xehed li fil-perijodu de quo kien jaħdem ma' Infrastructure Malta. Huwa qal li waqt audit li saret mill-Executive Director tal-Finanzi u Amministrazzjoni, irriżulta li kien hemm ħafna pagamenti u meta sar l-eżami tad-dokumenti li kienu jintbagħtu lill-OHSA, deher li kien hemm dokumenti li ma kinux ġew iffirmati minnu. Fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022, ix-xhud ġiet muri Dok. CB5 u qal li: "... din hija notification form illi l-kuntrattur f'isem Infrastructure Malta jissabmitja ... għall-proġetti, għal ċertu proġetti għax mhux il-proġetti kollha lil OHSA." Dwar il-firem li kien hemm fuq id-dokumenti de quo, ix-xhud qal: "... għalkemm hemm il-firma tiegħi dak id-dokument jien qatt ma kont iffirmajtu."[31] Rigward ir-referenza għal five hundred man days, ix-xhud qal li meta ikun hemm proġett ta' five hundred man days tkun trid tintmela l-formola. Meta ndunaw bil-formoli de quo l-OHSA intalbet "biex il-formoli kollha illi hemm f'isem, iffirmati minna ... jiġu kanċellati għax ovvjament aħna ma xtaqniex illi jkun hemm formoli li aħna ma nafux bihom submitted lill-OHSA."[32] Ix-xhud fisser li kien hemm okkażjoni fejn iffirma xi formoli ta' proġetti u ta l-kunsens biex il-formola tintbgħat lill-OHSA iżżda l-problema kien "li kien hemm formoli li ġew submitted lill-OHSA bil-firma tagħna illi aħna ma konniex nafu bihom."[33] Ix-xhud qal li ma ma kienx hu li kien jikkomunika mal-kumpannija. Fil-kontro-eżami mistoqsi jekk ir-rappreżentanza tal-Aġenzija kinitx parti id-doveri tiegħu, ix-xhud wieġeb li l-formoli kienu jiffirmawhom Henry Attard u hu. Il-formoli ma jsirux għall-proġetti kollha iżda għal dawk li jkunu relattivament kbar. Kien hemm proġetti fejn iż-żewġ rappreżentanti tal-Aġenzija ffirmaw u ohrajn le. Meta ndunaw fil-kwistjoni, "l-ewwel ħaġa li għamilna biex inkunu ċerti li l-proġetti kollha li hemm l-OHSA huma kkaverjati b'formola huwa li ħassarna l-formoli kollha, kemm dawk li kienu ffirmati awtentikament u dawk kollha li ma kinux."[34]

[31] Folio 131 ta' l-atti proċesswali
[32] Folio 131 ta' l-atti proċesswali
[33] Folio 132 ta' l-atti proċesswali
[34] Folio 503 ta' l-atti proċesswali

Kienu ħadu dan il-pass "għaliex din il-formola ġġorr responsabbilità kbira."[35] Huwa rega' kkonferma li lill-Imputata Cherisse Law ma kienx jafha.

**Henry Attard** xehed li huwa jaħdem ma' Infrastructure Malta fil-kariga ta' Executive Human Support u responsabbli mill-accounts, computers u l-amministazzjoni. Huwa fisser li l-Aġenzija kellha kuntratt ta' servizz mal-kumpannija de quo sabiex isiru spezzjonijiet tal-proġetti. Huwa qal li kienu nnota "l-cost load telgħin iktar milli ħsibna. Għamilna audit u sibna li anqas biss konna nafu u meta ċċekkjajna sibna li dawn il-commencement notices kienu ffirmati minni u minn robert Schembri u aħna ma konniex iffirmajniihom dawn il-commencement notices jiġifieri kienu ma nafx minn fejn ġew fis-sens illi mhux aħna iffirmajnihom."[36] Huwa ntwera d-dokumenti mmarkati Dok. CB5 u għaraf il-firem tiegħu u ta' Robert Echembri iżda rigward il-firem f'kull paġna li ntwera qal li "l-firma hi l-istess totalment l-istess u ma niftakarx li ffirmajna dawn id-dokumenti."[37] Mistoqsi kif il-firma tiegħu waslet għand il-kumpannija, huwa wieġeb li "... għall-ewwel ftit iffirmajna aħna għax aħna ovvjament bdejna bl-ewwel toroq, kien hemm bżonn li jsir il-commencement notice u ffirmajnihom jiġifieri l-ewwel firma definitely mingħandna ġiet."[38] U, iżda, "... l-firem mhux aħna għamilnihom. Indunajna li ċertu toroq żgur ma ffirmajnihomx aħna."[39] B'referenza għal five hundred man days, ma setax iwieġeb peress li hija materja teknika li ma jieħux ħsiebha hu. Dwar ir-raġuni tal-proċess min-naħa tal-kumpannija, ix-xhud wieġeb li kull commencement notice kienet tinvolvi tariffa: "...u iktar ma jsiru commencement notice iktar tingħata fee. Fil-fatt kien hemm arranġament magħhom wara fejn sar korrezzjoni tal-ammont dovut lilhom."[40] Meta saret laqgħa li għaliha kien

[35] Folio 503 ta' l-atti proċesswali
[36] Folio 136 ta' l-atti proċesswali
[37] Folio 136 ta' l-atti proċesswali
[38] Folio 137 ta' l-atti proċesswali
[39] Folio 137 ta' l-atti proċesswali
[40] Folio 138 ta' l-atti proċesswali

hemm preżenti Josè Bajada, kienet inġibdet l-attenzzjoni li tali proċedura ma setgħetx issir. Ix-xhud qal li ma kienx ta' l-kunsens tiegħu jew xi għamla ta' prokura biex isir l-użu tal-firma tiegħu. Waqt il-kontro-eżami tiegħu huwa qal li fil-bidu Robert Schembri u hu kienu ffirmaw għal xi proġetti u wara l-ewwel firma, "intużat fotokopja għal kull applikazzjoni li saret però ma konniex nafu li qed isir hekk."[41] Ix-xhud qal li ma kien hemm ebda komunikazzjoni ma' l-Imputata Charise Law.

Il-Prosekuzzjoni pproduċiet rappreżentanti mill-entitajiet JOBS+, il-Malta Business Registry, li ppreżentaw għadd ta' dokumenti dwar l-impjieg tal-Imputata Charisse Law u l-file fl-intier tiegħu tal-Kumpannija AME Health and Safety Services Limited (C44347).

**Dr Rachel Powell, il**-kap tal-uffiċju legali ta' Infrastructure Malta, xehdet li wara li sar audit u ġie skopert li kien hemm firem mhux awtorizzati, fuq struzzjonijiet tal-Aġenzija, bagħtet kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni u jittieħdu dawk il-proċeduri neċessarji. Hija qalet ukoll li sa dakinhar kien intlaħaq ftehim bejn l-Aġenzija u l-kumpannija. Hija għarfet u kkonfermat il-firma tagħha fuq il-kwerela li għadha d-data tas-17 ta' Lulju 2020.[42]

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2022 xehed bil-gurament **Louis Buhagiar** bhala rapprezentant tal-Jobs Plus li pprezenta informazzjoni dwar l-impjieg passat ta' l-imputata Charisse Law u pprezenta informazzjoni f'dawn ir-rigward.[43]

[41] Folio 511 ta' l-atti proċesswali
[42] Folio 42 sa 43 ta' l-atti proċesswali
[43] Dok LB1, Folio 172-173 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehedet **Claudia Diacono** in rapprezentanza tal-Malta Business Registry li pprezentant ir-registru tal-kumpannija AME Health and Safety Services Limited C 44347.[44]

Xehed **PC1031 James Busuttil** li kkonferma tteħid tal-istqarrijiet ta' Henry Attard u Robert Schembri fejn inter alia ddikjaraw li l-kuntrattur AME Health and Safety Services Limited kien qed jagħmel użu minn fotokopja ta' paġna bil-firem tagħhom mingħajr il-kunsens tagħahhom. Ma kinux jafu min għamel il-fotokopji iżda li kienu talbu lill-OHSA biex tikkanċellha l-formoli de quo. Ix-xhud qal li ttieħdet stqarrija mingħand Lawrence Darmanin, manager ma' Infrastructure Malta, li fisser li huwa kien irċieva l-invoices mingħand il-kumpannija, ikkonferma statements u għaddihom għall-ħlas lid-dipartiment tal-Accounts. Ix-xhud ikkonferma l-preżenza tiegħu meta ttieħdet l-istqarrija tal-Imputata, Charisse Law, u, Mario Camilleri d-Direttur Maniġejali tal-kumpannija, li kien f'kuntatt ma' Infrastructure Malta u ġie konkluż kuntratt wara l-arranġamenti li kien għamel mal-Aġenzija. Huwa għadda d-dettalji lil Aldo Busuttil u Josè Bajada. Ix-xhud ġie muri l-istqarrija tal-Imputata Charisse Law li għaraf preżenti fl-awla u kkonferma bil-ġurament tiegħu il-firma tiegħu u tal-kollegi tiegħu.

**Lawrence Darmanin** li qabel irtira bl-età kien jokkupa l-kariga ta' kap fis-sezzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Aġenzija is-sezzjoni nkarigata mix-xogħolijiet fit-toroq, xehed li ġieli kellu laqgħat dwar is-saħħa u s-sigurtà mal-Imputati Aldo Busuttil u Josè Bajada li huwa għaraf preżenti fl-awla. Skont ix-xhud l-Imputati kienu jmorru fuq is-siti tax-xogħol, jagħmlu rapport u jgħaddulu l-invoice ma' statement darba fix-xahar. Huwa kien jagħmel il-verifiki u jgħaddihom lis-Sezzjoni tal-Accounts. Huwa kien jikkomunika magħhom bosta drabi fit-telefon u minn xi f'daqqiet laqgħat l-uffiċju. Ix-xhud fissir li: "...

[44] Dok CD1, Folio 176-426 ta' l-atti processwali

l-kwistjoni kienet li meta aħna nkunu qed nagħmlu rendikont biex niċċekkjaw l-invoices max-xogħolijiet sibna li dawn kienu qed isiru notification forms fejn huma stess jinfurmaw lill-Health and Safety mingħajr ma aħna konna nkunu infurmati u, u wkoll li kien hemm, kien qed isiru spezzjonijiet f'toroq fejn aħna dehrilna li kienu inklużi mal-istess triq. Jiġifieri kien qed jiċċarġjana darbtejn, fuq triq waħda."[45] Huwa qal li kien ta stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva. Meta kien ġie muri s-sett dokumenti mmarkati CB5, huwa għaraf il-construction notification form u spjega li l-formola tkun meħtieġa meta x-xogħol ikun ta' aktar minn five hundred man days. Hu qal li "... x-xogħolijiet mhux kollha daqshekk kbar li jirrikjedu five hundred man days allura ma jkollox bżonn tagħmel notification form f'kull biċċa xogħol."[46] Huwa qal li d-dokument li jinsab immarkat CB5[47] qatt ma kien rah peress li dawk il-formoli ma kienux jaslu għand l-Aġenzija iżda jmorru għand OHSA. Fil-kontro-eżami tiegħu huwa wieġeb li xogħolu kien li jirċievi l-invoices u l-istatements, jagħmel il-verifiki u jgħaddihom lit-taqsima tal-accounts. Mill-verifiki nstabu diskrepanzi. Meta sarlu l-kontro-eżami[48], ix-xhud qal li permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kien jindika liema triq ser isir ix-xogħol u kien jikkomunika ma' l-Imputat Josè Bajada. Huwa qal li wara l-kuntrattur imur fuq is-sit konċernat u jagħmel l-ispezzjonijiet neċessarji. Huwa qal li m'huwiex familjari mal-construction notification form u lanqas raha mimlija. Ma semax b'isem u l-kunjom tal-Imputata Charisse Law u ma kienx x'kien jaf l-involviment tagħha. Ma' l-Imputati l-oħra huwa kien jikkomunika b'emails jew telefon. Huwa kien sempliċiment jibgħat l-informazzjoni dwar it-toroq lir-rappreżentant tal-kumpannija.

[45] Folio 433 ta' l-atti proċesswali
[46] Folio 435 ta' l-atti proċesswali
[47] Folio 71 ta' l-atti proċesswali
[48] Folio 471 sa 476 ta' l-atti proċesswali

**David Saliba**, Kap tad-Dipartiment / Head of technical Operations, tal-OHSA, meta muri d-dokument immarkat Dok. CB5, identifika l-construction notification forms li jitniżżlu minn fuq is-sit elettroniku tal-OHSA jew tal-Gvern. Il-project supervisors fil-health and safety iwieġbu u jimlew id-domandi li hemm fuq il-formola. Hu l-project supervisor stess li jiffirmaha flimkien mal-klijent li f'dan il-każ hi l-Aġenzija. Huwa fisser il-proċess għala tintuża l-formola de quo iżda dwar il-każ in diżamina ma kien jaf xejn.

**L-Ispettur Christian Abela** li huwa kien xhud meta ttieħdu l-istqarrijiet tal-Imputati u kkonferma l-firma tiegħu.

**PC147 Christian Zammit** fisser kif kien preżenti meta ttieħdu l-istqarrijiet ta' Frederick Azzopardi, Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta, wara li minn proċess ta' verifika intern kien instab li kien hemm formoli fotostatiċi bil-firem ta' Henry Attard u Robert Schembri. F'laqgħa bejn mad-diriġenti tal-kumpannija intwera d-diżappunt li ntużaw firem mingħajr il-kunsnes tal-uffiċjali konċernati. Frederick Azzopardi kien waqqaf li l-kumpannija tieħu x-xogħol u l-OHSA kienet ġiet infurmata. Imbagħad saret il-kwerela. Ittieħdu d-dikjarazzjoni ta' Henry Attard u Robert Schembri li fissru li kinu qed jintużaw il-firem tagħhom kif ukoll li kien hemm ammont ta' flus pendenti. Huma kienu nfurmaw lill-OHSA biex tikkanċella l-formoli fejn kien hemm il-firem tagħhom.

**Charisse Law** xehdet li hija kienet taħdem ma' AME Health and Safety Limited bejn l-2009 sal-2020. Sa April tal-2020 hija kienet responsabbli għall-office administration. Ix-xogħol tagħha kien jikkonsisti f'kull ħaġa meħtieġa l-uffiċju inkluż filing u archiving u meta jidħlu proġetti iddaħħal l-informazzjoni fis-sistema u mbagħad l-ispetturi jkunu jistgħu jaċċedu fuq is-sit. Hija qalet li kienet timla construction notification forms ukoll ta' proġetti ġodda. Is-superjuri tagħha kienu l-managing director Mario Camilleri u d-direttur, Aldo Busuttil u s-CEO Josè Bajada. Dwar il-komunikazzjoni bejn il-kumpannija u l-

Aġenzija, peress li l-proġett kien kbir u kumplikat kellu jkun hemm contact person wieħed u cioè, Josè Bajada u permezz ta' email kien jikkomunika ma' Lawrence Darmanin bħala l-contact person tal-Aġenzija. Għall-ewwel kien hemm laqgħat u mbagħad komunikazzjoni permezz ta' emails u telefonati. Ma kinitx involuta kollox kien intern u hija rċeviet l-emails mingħand Josè Bajada u qatt ma marret laqgħat. Hija qalet li kellha xi mistoqsijiet dwar ix-xogħol li kellha tagħmel. Hija kienet taf kif għandha tintmela construction notification form u rigward ir-raba' paġna tal-formola, meta saret taf li kien se jkun hemm sebgħin (70) proġett qajmet il-mistoqsija: "issa kif ħa nagħmel għall-firma? ... nipprinja bulk imbagħad tgħidulhom jiġu jiffirmaw jew each one nibgħatha by email u jiffirmaw u jibgħatuhieli lura?"[49] Hija qalet li Aldo Busuttil wieġibha li kien se jara ma' min kien ikkonċernat u jkellimha wara ħalli "it's done right."[50] Hija fissret il-proċedura u qalet li Josè Bajada "kien jirċievi lista mingħand Infrastructure Malta bil-, qisha table kien ikun hemm il-file number, address ... u min ħa jkun il-kuntrattur. Jiena mbagħad ... kelli nikkopja lil dawk l-affarijiet minn dik il-lista għal ġol-pages one, two, and three tal-construction notification form u mbagħad kif għidlek qalli Aldo I had to dik l-iscanned paper kienet jpeg and I inserted at as the last page. Issa mbagħad kien ikun li nipprinja d-dokument kollu, nagħmel id-data għax ma kienx hemm u mbagħad nerġa' niskenja biex inkun nista' nibgħatha pdf."[51] Hija qalet li: "Wara kont nissejvja pdf u kont nibgħatha b'email lill-OHSA. Imbagħad qisu two days later kont nirċievi mingħand l-OHSA l-Form B" li hija kienet tistampa, tistaqsi lil Josè Bajada min kien se jkun l-inspector biex tagħtih dak id-dokument u jmur iwaħħlu fuq is-sit tax-xogħol. Josè Bajada kien jirċievi l-email mingħand Lawrence Darmanin jew xi perit u jgħaddihielha. Hija mill-esperjenza tagħha b'man days kien jirrifletti l-kobor tal-proġett u kemm se jaħdmu nies. Hija ma

[49] Folio 550 ta' l-atti proċesswali
[50] Folio 550 ta' l-atti proċesswali
[51] Folio 551 ta' l-atti proċesswali

kellhiex metodu biex tivverifka l-informazzjoni peress li kienet tirċievi biss il-file number, l-indirizz u min kellu jkun il-kuntrattur. Hija qalet li Aldo Busuttil kien għena timla l-ewel formola u fejn kellhom jidħlu l-man hours qalilha biex tniżżel "five hundred u dejjem ħallieha l-istess".[52] Wara li mtliet l-ewwel formola kellha struzzjonijiet biex l-oħrajn timlihom b'dan il-mod. Hija fissret kif kienet timla l-formola. Mistoqsija minn din l-Onorabbli Qorti jekk il-mili tad-dokument kienx responsabbiltà tagħha, hija wieġbet fl-affermattiv. Hija qalet li: "... fil-bidu ma kont imiss xejn għax kont nipprintja u nikteb id-data bil-biro mbagħad later on ... kont peress li issa jpeg kont nagħmel insert text box u nagħmel id-date typing it. It was saving us a bit of time flok niprintjaw and then we rescanning." Hija qalet li l-paġna ingħatahielha wara meeting u ffirmaha fuqha Aldo Busuttil, it-timbru li jidher fuq il-formola kien qiegħed fuq dik oriġinali u hija kemm daħħlet id-data. Ix-xhud qalet li: "so page four of the word document tkun blank and I go and insert, insert picture jew insert image u noħodha mid-desktop."[53] Il-paġna erbgħa oriġinali ma kellhiex data. Hija tgħid mmaġinat li wara li kienet staqsiethom dwar kif se jagħmlu għall-firem, kienu waslu għal soluzzjoni li jkun hemm paġna waħda u kemm tagħmel d-data u "anqas, I didn't question it, it seemed it makes sense at the time."[54] Rigward il-pagamenti li Infrastructure Malta kienet tagħmel lill-kumpannija, hija qalet li ma kellha ebda idea. Aktar tard saret taf li għal kull construction notification form il-kumpannija kienet qiegħda titlob ħlas. Fil-kontro-eżami tagħha hija wieġbet li l-paġna darba kienet ġiet għandha darba "u skenjata in fatti imbagħad użajniha fuq, fuq wieħed mill-proġetti the original jigifieri ma kellix oħra bil-firma ta' Aldo."[55]

[52] Folio 553 ta' l-atti proċesswali
[53] Folio 559 ta' l-atti proċesswali
[54] Folio 560 ta' l-atti proċesswali
[55] Folio 563 ta' l-atti proċesswali

**Aldo Busuttil**, gradwat fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fil-bidu tax-xiehda tiegħu ġie muri l-istqarrija[56] tiegħu li kien ta lill-Pulizija Eżekuttiva u kkonferma dak li kien stqarr. Ir-rwol tiegħu kien li ta' project supervision fejn kellu x'jaqsam ma' proġetti ta' toroq differenti u li jara li Infrastructure Malta tosserva dak li ried l-Avviż Legali 88 tal-2018 li "jirrikjedi li l-klijent irid jappunta dak li qed jissejjaħ project supervisor biex jieħu l-ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-proġetti kollha." Skont ix-xhud kien hemm sebgħin (70) proġett ta' Infrastructure Malta li ma kienx konformi ma' l-imsemmi avviż. Huwa qal li l-kumpannija kienet ġiet ingaġġata b'responsabbiltà ta' Project Supervisor fuq proġetti ġja mibdija kif ukoll oħrajn ġodda. Ix-xhud qal li wara d-diskussjonijiet li saru ma' l-Aġenzija biex jiġu konformi mal-Avviż Legali riedu jiġu mimlija construction notification forms li riedu jiġu sottomessi lill-OHSA. Ix-xhud qal li: "ġiet iffirmata l-page 4 kif kulħadd jaf u ra li ġiet esebita wkoll ġewwa l-istess din l-Onorabbli Qorti, fejn kien hemm il-firem min-naħa tal-klijent u kien hemm il-firem min-naħa tiegħi bħala l-Project Supervisor appuntat għan-nom tal-Infrastructure Malta."[57] Huwa ma kienx preżenti għad-diskussjonijiet li kienu saru "però saret notifika waħda, waslet l-uffiċju tagħna, u bdejna naħdmu fuq dak il-proċess biex inħaffu dan il-proċess kemm jista' jkun malajr ħalli nġibu lill-Infrastructure Malta in line mal-avviż legali."[58] Inżammet soft copy li kienet tintuża għall-proġetti ohra kemm b'lura kif ukoll il-ġodda. Huwa qal li sar bħala metodoloġija ta' prattiċità. Huwa fisser il-kontenut tal-formola de quo li kienet imbagħad tintbagħat lill-OHSA permezz ta' email. L-OHSA tipproċessaha u tibagħat il-Formola B li kienet tfisser li l-construction notification forn kienet ġiet aċċettata mill-OHSA. Ix-xhud qal li qatt ma kien hemm oġġezzjoni minn dik l-Awtorità dwar in-notifika. Rigward l-inklużjoni tad-dikjarazzjoni tal-five hundred man hours, ix-xhud spjega li

[56] Folio 23 et seq. Ta' l-atti proċesswali
[57] Folio 574 ta' l-atti proċesswali
[58] Folio 575 ta' l-atti proċesswali

"meta aħna se nidħlu responsabbli għar-responsabbilità ta' health and safety tal-project supervisor, irridu nkunu ċerti li kemm il-project supervisor kif ukoll il-kljent, qiegħed legalment ikkaverjat, biex mhux ikun hemm xi site, illi aħna ngħidu se jkun inqas minn 500 man days imbagħad dan bħalma nafu kollha, il-proġetti kollha kienu twal immens, u allura aħna ħassejna u anke fir-responsabbilità li nkunu ċerti li l-klijent tagħna kkaverjat u konna nagħamluhom 500 man days, kienu jitwalu itar, iva. Kien hemm ħafna itwal. Ħafna ħafna itwal."[59] L-OHSA ma kienet tiġi ntifikata jekk ix-xogħol kien ikun taħt il-ħames mitt siegħa. Bil-buona volontà tagħhom kienu jikkaverjaw lill-klijenti billi kienu meta kienu jagħmlu din id-dikjarazzjoni. L-informazzjoni dwar ix-xogħol kienet tintbagħat minn Lawrence Darmanin direttament lil Josè Bajada u mbagħad jibda l-proċess tintmela l-notifika u tiġi sottomessa lill-Awtorità. Huwa qal li kien mod effiċjenti biex jipproċessaw malajr u jikkaverjaw lill-klijent. Charisse Law kienet tipproċessa d-dokument, timlieh u tissottomettieh lill-OHSA skont l-informazzjoni li kienu jkun rċevew. Il-paġna numru erbgħa kellha l-firem kollha diġà. Id-data kienet tiżdied meta n-notifika kienet se tkun sottomessa. Ix-xhud qal li: "Il-każ kien jaħraq. Legalment. Għaliex kien hemm 70 sit ta' 70 triq li kienu ġew mibdija mingħajr il-klijent ma kien qiegħed jonora l-obbligi tiegħu skont l-avviż legali 88 tas-sena 2018. Allura fil-prattiċità u fl-effiċjenza tal-proċess ta' dawn in-notifiki kienet ideali li nkomplu nużaw dik is-sistema."[60] Qabel ma nqala' l-każ, ebda persuna minn Infrastructure Malta jew l-OHSA ma ġibed l-attenzzjoni. Infrastructure Malta meta nqala' l-każ zammet il-ħlas, saru diskussjonijiet u tpaċew l-ammonti u effettivament kien ġie kollox solvut paċifikament. Ma kien hemm ebda kwistjonijiet pendenti ma' Infrastructure Malta. Meta ġie kontro-eżaminat, ix-xhud qal li ma kienx jaħseb li Henry Attard u Robert Schembri ma kienux konsapevoli ta' dan l-eżerċizju. Huwa qatt ma għamel kuntatt mal-periti f'dan

[59] Folio 578 ta' l-atti proċesswali
[60] Folio 583 ta' l-atti proċesswali

il-kuntest. Hu kien jaħseb li kien hemm taż-żewġ min-nies imsemmija. Skont ix-xhud il-klijent ma kienx konformi mal-Liġi "u biex wieħed ikun prattiku u effiċjenti, nerġa' nirrepeti użajna dak il-metodu ħalli nħaffu kemm jista' jkun inġibu lill-klijent in line mal-avviż legali msemmi."[61]

**Dr Melino Mercieca** mill-OHSA ippreżenta għadd ta' emails fejn kien hemm indikat l-isem ta' Infratructure Malta u AME Health and Safety Limited u kkonferma kienu vera kopji. L-email threads kienu jirriflettu l-proċdura sa ma l-OHSA kienet toħroġ il-Form B. Ix-xhud qal li ma kienx f'pożizzjoni li jgħid min kien jibgħat l-emails għan-nom tal-kumpannija u lanqas seta' jgħid kienx hemm kontestazzjoni fuq il-construction notification forms. Iżda, minn eżami tal-emails seta' jikkonferma li "fejn hemm il-form B mibgħuta iġifieri m'hemmx kontestazzjoni."[62]

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija[63] ta' l-imputata **Charise Law** ittiehdet nhar is-16 ta' Frar 2021 ġewwa l-uffiċini tal-Financial Crimes Investigation Department, fil-prezenza ta' PS 251 Chris Abela u PC1031 James Busuttil u dan wara li kienet ingħatat is-soliti twissija ta' xiex ġiet investigata u wara li ngħatalha d-drittijiet kollha tagħha dwar il-jedd li tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha qabel issirulha xi interrogazzjoni.[64] Hija għażlet li tikkonsulta mal-Avukat Dr Roberta Bonello li kienet ukoll preżenti waqt li l-imputata tat l-istqarrija tagħha.

---

[61] Folio 587 ta' l-atti proċesswali
[62] Folio 595 ta' l-atti proċesswali
[63] Folio 7 sa 9 ta' l-atti processwali
[64] Folio 7 ta' l-atti processwali

Illi l-imputata għażlet li twieġeb għad-domandi li sarulha u tiffirma l-istqarrija tagħha.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputata jirrizulta li l-imputata li hija kienet segretarju u kienet tagħmel xogħol ġenerali u meta jidħol xi proġett kienet iddaħħal l-informazzjoni fuq id-database tal-kumpannija u kienet timla l-construction notification forms għall-proġetti wara li kienet tingħata l-informazzjoni mingħand is-CEO Josè Bajada li kien jieħu ħsiebhom. Rigward ix-xogħol ma' Infrastructure Malta, id-direttur Aldo Busuttil kien qalilha dejjm tniżżel five hundred man days fuq in-notifika. Hija qatt ma mliet il-formola b'inqas minn five hundred man days u fejn seta' kien hemm inqas Aldo Busuttil kien jibagħat iitra lill OHSA u mhux il-construction notification form. Lawrence Darmanin il-contact person ta' Infrastructure Malta qatt ma għaddielha dokumenti ffirmati minn Henry Attard u Robert Schembri. Id-dokument bil-firem tagħha tawhulha Aldo Busuttil u Josè Bajada. Josè Bajada kien qalilha biex tiskenja l-paġna 4 tal-formola fejn kien hemm il-firem u għall-proġetti kollha ta' Infrastructure Malta tuża dik il-paġna u tirranġa l-paġni l-oħra skont il-proġett. Mistoqsija jekk ratx dan bħala xi ħaġa stramba, hija wieġbet li kienet assumiet li kienet xi ħaġa li Aldo Busuttil u Josè Bajada kienu ftehmu dwarha meta kellhom il-laqgħat ma' Infrastructure Malta. Hija kienet tibgħat in-notifika lill-OHSA permezz ta' email. Ħadd ma qalilha biex tinforma lill-Infrastructure Malta meta kienet tibgħat il-formola lill-OHSA izda kienet tikkopja lil Josè Bajada u lit-taqsima tal-accounts tal-kumpannija. Dwar is-site visits hija kienet iddaħħal l-informazjoni fis-sistema tal-kumpannija u inspector kien imur jagħmel site visit. Hija kienet tgħaddi l-lista ta' proġetti lil Josè Bajada ħalli jkun jista' joħroġ schedule ta' site visits.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija[65] ta' l-imputat **Josè Bajada** ittiehdet nhar it-3 ta' Frar 2021 ġewwa l-uffiċini tal-Financial Crimes Investigation Department, fil-prezenza ta' l-Ispettur Claire Borg u PS251 Chris Abela u dan wara li kienet ingħata s-soliti twissija ta' xiex ġie investigat u wara li ngħatalu d-drittijiet kollha tiegħu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel issirulu xi interrogazzjoni.[66] Huwa għażel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Amadeus Cachia li kien ukoll preżenti waqt li l-imputat ta l-istqarrija tiegħu.

Illi l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu u ffirma l-istqarrija tiegħu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li bejn Jannar 2019 u Settembru 2020 kien jokkupa l-kariga ta' CEO tal-kumpannija AME Health and Safety Limited. Xogħolu kien li jikkomunika ma' Infrastructure Malta fuq proġetti li tgħaddi lill-kumpannija. Bħala servizz il-kumpannija kienet tagħmel il-construction notification form, site visits u health and safety plan. Il-formaola tan-notifika kienet tintbagħat minn Charise Law lill-OHSA permezz ta' email. Ma kienx xogħolu li jinforma lill-Infrastructure Malta bin-notifika għax ma kienx jissottomettiha hu l-formola. Ma kienx jaf sar izjed war ali saru l-ispezzjonijiet fuq sebgħin (70) sit. Huwa qal li kien jikkomunika ma' Lawrence Darmanin permezz ta' email jew telefonti u flimkien ma' Aldo Busuttil kieniltaqa' miegħu darbtejn. Lawrence Darmanin qatt m'għaddielu dokumenti ffirmati minn Robert Schembri u Henry Attard. Il-project supervisor Aldo Busuttil kien joħroġ u jiċċertifika kemm kien ikun hemm man days ta' kull proġett għax in-notifika kien xogħolu li jimliha. Huwa kien jaf lil Robert Schembri u Henry Attard peress li kien iltaqa' magħhom darba fuq xogħol relatat ma' Infrastructure Malta. Huwa stqarr li ma kienx jaf kif kienu saru l-firem ta' Robert Schembri u Henry Attard fuq l-applikazzjonijiet IM075/20/RUR/009,

[65] Folio 15 sa 17 ta' l-atti processwali
[66] Folio 15 ta' l-atti processwali

RD/429/17/107, RD/429/17/106, RD/429/17/108, 429/17/93 u IM/526/19 għaliex hu ma kellux x'jaqsam man-notifiki. Dwar il-ħlasijiet, il-kumpannija kienet titħallas skont l-invoice u bl-ammonti ta' site visits. Ha kienx jaf li l-kumpannija rrifondiet flejjes lil Infrastructure Malta peress li kien laħaq telaq mill-impjieg tiegħu mal-kumpannija. Huwa kien jirċievi emails mingħand Infrastructure Malta dwar proġetti mgħoddija lill-kumpannija u kien jgħaddihom lis-segretarja.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija[67] ta' l-imputat **Aldo Busuttil** ittiehdet nhar it-18 ta' Jannar 2021 ġewwa l-uffiċini tal-Financial Crimes Investigation Department, fil-prezenza ta' l-Ispettur Claire Borg u PS251 Chris Abela u dan wara li kienet ingħata s-soliti twissija ta' xiex ġie investigat u wara li ngħatalu d-drittijiet kollha tiegħu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel issirulu xi interrogazzjoni.[68] Huwa għażel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Roberta Bonello li kienet ukoll preżenti waqt li l-imputat ta l-istqarrija tiegħu.

Illi l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu u ffirma l-istqarrija tiegħu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li huwa kien direttur tal-kumpannija AME Health and Safety Services Limited u bejn is-sena 2019 u Ġunju 2020 sar l-ingaġġ minn Infrastructure Malta biex iservu ta' project supervisors skont l-Avviz Legali 88 tas-sena 2018 fuq proġetti tagħha. Huwa fisser li Infrastructure Malta kienet tinfurmahom bid-dettalji dwar il-proġetti u nstab li kien hemm sebgħin proġett mibdija li ma kinux konformi mal-Avviż Legali peress li x-xogħolijiet kienu nbdew mingħajr ma kienet ġiet sottomessa l-konstruction notification form. Riedu jirregolarizzaw dawn il-proġetti. Kien intbagħat dokument li kellu Section C u D iffirmati minn Henry Attard u Robert Schembri, lil Josè Bajada u l-Imputat Aldo Busuttil iffirmaha bħala project

[67] Folio 15 sa 17 ta' l-atti processwali
[68] Folio 15 ta' l-atti processwali

supervisor. Kienet inżammet kopja ta' dan id-dokument u baqgħet tintuża għall-proġetti l-oħra kemm b'lura kif ukoll ġodda. Huwa qal li dan kien sar bi skop ġenwin sabiex jgħaġġel il-proċess u Infrastructure Malta tkun konformi tal-liġi. Dwar il-proġetti li kienu nstabu li ma kinux konformi kienu saru laqgħat mal-perit ta' Infrastructure Malta u huwa kien wissihom li riedu jigu konformi mal-liġi. Dwar kif isiru s-submissions tal-applikazzjonijiet, huwa fisser li l-construction notification form tigi sottomessa mis-segretarja permezz ta' email lill-OHSA li żżomm in copy lil Infrastructure Malta u tipproċessa l-applikazzjoni u toħroġ il-Form B. L-oriġinali tan-notifika kienet tinżamm mill-kumpannija. Huwa kkonferma li l-firem fuq l-applikazzjonijiet IM075/20/RUR/009, RD/429/17/107, RD/429/17/106, RD/429/17/108, 429/17/93 u IM/526/19 kienu saru permezz ta' photocopy u kienu jinbidlu d-dati. Is-segretarja Cherise Law kienet timlieha skont l-informazzjoni li kien jagħtiha Josè Bajada u tibdel id-dati skont dak il-porġett. Huwa qal li kienu jdaħħlu five hundred man days fuq il-formola sabiex jissalvagwardjaw lill-Infrastrucure Malta u l-proġetti kienu kważi dejjem jeċċedu l-ħames mitt jum. Huwa kien jaf bl-applikazzjoni de quo. Il-kuntrattur tax-xogħolijiet tat-toroq kien jitqabbad minn Infrastructure Malta li kinet tgħaddi l-informazzjoni dwaru lill-kumpannija. L-ewwel document bil-firem ta' Robert Schembri u Henry Attard kien wasal għand Josè Bajada mingħand Lawrence Darmanin. Dwar kif kienet titħallas il-kumpannija, huwa qal li kien hemm prezz għan-notification forms, għall-inspection, u għall-health and safety plans. Kienu jitħallsu skont l-għadd ta' dawn is-servizzi. Huwa qal li permezz ta' tpaċija l-ammont żejda kienu tħallsu lura bi qbil bejn il-partijiet. Infrastructure Malt akienet tinnotifika direttament lis-CEO Josè Bajada dwar il-proġetti permezz ta' email u sakemm ma kienx jigi kkupjata ma kellux aċċess għal dawn l-emails.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni tat rendekont dwar li Infrastructure Malta wara li kienet ingaġġat lil AME Health and Safety Limited minn audit irriżulta li ġew iffalsifikati diversi project construction commencement forms bil-firem iffalsifikati ta' Robert Schembri u Henry Attard. Kien intalab ukoll ħlas mill-kumpannija ta' €69,884.25. Hija spjegat fit-tul li Robert Schembri u Henry Attard ma kinux iffirmaw dawk id-dokumenti. Dwar dak li xehed l-Imputat Aldo Busuttil li ħaseb li dawn il-periti kienu jaf x'kien qed isir, il-Prosekuzzjoni qalet li mhux qiegħdin fl-ambitu tal-ħsieb iżda f'dak tal-fatti u firma ta' perit iġġorr magħha responsabbiltà enormi speċjalment fuq proġetti ta' toroq. Hija rreferiet għall-pożizzjoni li ħadet id-Difiża li kollox kien sar b'mod ġenwin biex l-Avviż Legali 88/2018 jiġi mħares. Il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tifhem kif biex issewgi r-regolament tasal biex tikser dispożizzjonijiet tal-liġi. Ġustifikazzjoni bħal din ma teżonerax mill-ħtija iżda l-Qorti taf tikkunsidraha meta tigi biex tiddetermina l-piena. Il-Prosekuzzjoni qiegħda tikkonsidra din il-ġustifikazzjoni bħala ammissjoni li ġieli ntużat il-firma. Ir-reat ġie kommess u f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni qieset li kien hemm attentat ta' frodi. Il-ħlas ma sarx minn Infrastructure Malta peress li kienet indunat b'ammonti li qanqlu suspett. B'referenza għall-Imputati charise Law u Josè Bajada, l-Prosekuzzjoni rreferiet għal żewġ sentenzi, ċioè "Pulizija vs Bin Han et" deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar is-6 ta' Jannar 2023 u "il-Pulizija vs Daniela Debattista" deċiża nhar is-16 ta' Novembru 2016. Il-Prosekuzzjoni ċċitat partijiet minn dawn is-sentenzi biex tenfasizza r-responsabbiltà li għandhom uffiċjali ta' kumpannija u l-prova li kellhom jagħmlu biex jiġu eżentati milli jerfgħu tali responsabbilità. Skont il-Prosekuzzjoni, Josè Bajada ma weriex x'diliġenza uża biex jipprevjeni dan kollu. Lanqas Charise Law li fil-fatt ipproċessat id-dokumenti de quo, ma eżerċitat tali due diligence. Mill-bqija l-Prosekuzzjoni straħet fuq il-provi prodotti.

Id-Difensur tal-Imputat Aldo Busuttil qal li dwar il-fatti tal-każ ma hemmx kontroversja. Huwa fil-qosor irrefera għal dawn il-fatti b'mod partikolari għall-fatt li Infrastructure Malta kellha mas-sebgħin (70) proġett mibdija meta kienet ġiet ingaġġata l-kumpannija u ma kinitx issottomettiet construction notification forms għalihom. Osserva wkoll li fuq il-construction notification forms kien hemm ukoll il-firma ta' Aldo Busuttil. B'referenza għad-dokument li jinsab f'Folio 71, il-construction notification forms li jsiru online, il-paġna li tinsab a Folio 75 hija fotokopja tal-firem oriġinali tal-periti. "Page 4 hija f'kull construction notification form, il-firem oriġinali li għamlu ż-żewġ periti Robert Schembri u Henry Attard u Aldo Busuttil u flok kull darba tmur u tigi għand Infrastructure Malta, inti għandek il-firma lesta però trid tbidel id-data meta saret in-notifika."[69] Kien ġie kkonfermat minn Fredrick Azzopardi li Robert Schembri u Henry Attard kienu jirrappreżentaw lil Infrastructure Malta. Is-submissions bid-dettalji mibdula kienu jsiru bil-fotokopja għall-finijiet ta' prattiċità u speditezza. Id-Difensur irrefera għat-teżi tal-Avukat Ġenerali li l-użu tal-fotokopja tammonta għal falsifikazzjoni. Il-proġetti ma kinux ineżistenti. Huwa għadda biex eżamina jekk il-fatti tal-każ jinkwadrawx mal-Artikoli li jinsabu elenkati a Folio 427. L-Artikoli 167, 169, 183, 184 u 188 jirreferu għar-reati tal-falsifikazzjoni. Huwa rreferawkoll għat-teżi tal-Avukat Ġenerali li l-ġenwinità tal-iskop biex jitgħaġġel il-proċess ma teskludix ir-reat. Fuq dan il-punt id-Difiża ma kinitx qiegħda taqbel u ċċitat min-notamenti tal-Professur Mamo u ċioè, li 'there is no doubt of … that a criminal intent is indispensable for this kind of crime as it is generally for all wilful crimes. It is therefore clear that mere negligence is not sufficient.'[70] Huwa fisser li "d-dolo jrid ikun li inti trid tkun qiegħed tiffalsifika għax trid tiffalsifika."[71] Id-Difensur kompla jgħid li kien hemm l-impressjoni u t-twemmin li l-proċess

[69] Folio 647 ta' l-atti proċesswali
[70] Folio 650 ta' l-atti proċesswali
[71] Folio 650 ta' l-atti proċesswali

għadottat kien l-aktar wieħed prattiku biex jigi evitat l-iskariġġ għall-ġbir tal-firem meta kien hemm sebgħin proġett għaddej li ma kienx kopert b'construction notification form. L-OHSA ħarġu l-Form B u Infrastructure Malta qatt ma lmentaw b'dan. Għad-Difiża dan ma kien id-dolo li trid il-Liġi. Huwa rrefera għat-tifsira li tingħata minn fi Blackstone's u qal li 'the fraudulent making or alteration of a writing and this dolo is what you have to look for. If you are acting because you genuinely believe that this is a way to operate and perhaps you have not adopted the best administrative measure, but it does not amount to dolo which you need for the purpose of forgery. Because the purpose of forgery goes beyond that."[72] Fuq Mistoqsija ta' din l-Onorabbli Qorti dwar x'inhi l-pożizzjoni tad-Difiża dwar il-kunsens meta l-firma tigi replikata, id-Difiża wieġbet billi rreferiet għall-fatt li la nbagħtet email għall-proġett fejn kien jirrigwarda x-xogħolijiet kellha ssir il-construction notification form u la l-kumpannija kellha fid-database tagħha l-paġna 4 bil-firem użat lilha bid-differenza li nbidlet id-data. Id-Difiża ratha stramba li l-periti ma kkomunikawx mal-kumpannija li kienu għadhom qed jistennewhom biex jiffirmaw in-notifika wara li kienu bagħtu d-dettalji tal-proġett lill-kumpannija.

B'referenza għall-Artikolu 167, id-Difiża qalet li d-dolo tad-delitti kontra l-fiduċja pubblika huwa totalment nieqes. Skont dan l-Artikolu l-actus reus irid iwassal għall-ħlas. Skont id-Difiża, bil-preżentata ta' construction notification form ma tirċivix ħlas iżda tinħareġ il-Form B jekk l-applikazzjoni tigi aċċettata mill-OHSA. Id-Difiża ssostni li l-actus reus huwa nieqes u d-dokument does not say a lie about itself u huwa veritjier f'dak li huwa l-kontenut tiegħu. Id-Difiża qiegħda ssostni li kemm il-mens rea u l-actus reus huma nieqsin. Id-Difiża qed ssostni li l-Artikolu 167 ma jirriżultax u per konsegwenza ma jistax jirriżult dak kontemplat fl-Artikolu 169 "għax inti mhux qed tagħmel xjentement użu minn document li jaqa' taħt l-Artikolu 167. L-istess jgħodd

[72] Folio 652 ta' l-atti proċesswali

għall-Artikoli 183 u 184. Skont id-Difiża l-construction notification form ma jinkwadrax bħala att awtentiku u pubblika jew skrittura kummerċjali ai termini tal-Artikolu 183. Din l-Onorabbli Qorti staqsiet x'inhu mela d-dokument de quo. Id-Difiża wieġbet li l-klassifikazzjoni ta' x'inhu d-dokument taqa' fil-kompetenza tal-Prosekuzzjoni u mhux tad-Difiża. Rigward l-Artikolu 188 fejn għandu x'jaqsam mal-actus reus, mill-atti juri li m'għandekx dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Ħadd ma kkontesta li sar ix-xogħol fuq it-toroq, li l-perit ma jirrappreżentawx lil Infrastructure Malta, li d-data fuq in-notifika hija tajba, u li l-kuntrattur ġie identifikat ħażin. Għalhekk l-Artikolu 188 (1) ma japplikax. Dwar il-kwistjoni tal-attentat ta' frodi id-Difiża ma setgħetx tifhem għal xiex kien qed jirreferi l-Avukat Ġenerali. Sejra tistrieħ fuq id-depożizzjoni ta' Fredrick Azzopardi u fuq ir-rapport li sar lill-Pulizija. Mir-referenza għall-kwerela (Dok. CB1) a folio 42, il-lanjanza ta' Infrastructure Malta kienet li d-dokument kienu jidhru foloz. Irriżulta li l-kwerela saret qabel ma' Fredrick Azzopardi kellem lill-kumpannija li sussegwentement taw l-ispjegazzjoni tagħhom dwar il-fotokopja u t-template li użaw. Il-kumpannija mkien ma kienet qiegħda tippostula xi sitwazzjoni ta' frodi. Il-kumpannija kienet ħadet il-pożizzjoni dwar il-five hundred man hours li jigu nklużi fil-formla għax ma kinitx taf eżatt kemm kien se jirrikjedi u kien ser jigi stabbilit fiċ-ċert meta ssir l-ispezzjoni. Id-Difiża argumentat li ma sar ebda reat.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Ir-reat tal-falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti foloz**

L-**Artikolu 167** jipprovdi li:

"(1) Kull min jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievibihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitujew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbilimentpubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) L-istess piena tiġi mogħtija jekk id-delitt isir billi tigi iffalsifikata partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment ieħor, li jkollha x'taqsam mal-ħlas, oġġetti, depożiti,jew rahan hawn fuq imsemmijin.

(3) Meta l-falsifikazzjoni tkun tikkonsisti fil-ġira biss ta'ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veri, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur satliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."

L-**Artikolu 169** jipprovdi li:

"Kull min xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena bħall-awtur."

L-**Artikolu 183** jipprovdi li:

"Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentikuu pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat,b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloqpattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minnobbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli,dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhomikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha"

Dwar l-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tinnota li l-element predominanti hija l-'falsifikazzjoni' u ċioe' li, b'mod simplistiku, l-azzjoni li biha persuna toħloq dokument falz jew tibdel dokument awtentiku in parti jew fl-intier tieghu.

Il-Qorti tagħmel referenza għal-każ Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri[73] F'dan il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward tal-artikolu 183, tgħallem hekk:

"Hu evidenti li n-natura pubblika ta' dokument u n-natura ta' dak id-dokument bhala wiehed "awtentiku" ma tigix nieqsa bis-semplici fatt li tkun saret ilfalsifikazzjoni f"dak l-istess dokument (fit-test tieghu jew fil-firma jew firem), ghax altrimenti ebda att "awtentiku u pubbliku" ma jkun jista" qatt jigi falsifikat ghall-finijiet tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza, li ghaliha ghamel referenza anke l-abbili difensur ta' l-appellant, moghtija mill-Qorti Kriminali kollegjalment komposta fil-11 ta' Dicembru, 1953 fl-ismijiet Il-Maesta` Taghha r- Regina v. Guzeppi Zahra u hi tal-fehma li f"dan il-kaz id-Dokument BZ1 jammonta ghal dokument "awtentiku u pubbliku" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-ligi. Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att.

S'intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn "ufficjal pubbliku" ghax ilfirma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma "rilaxxjat" ghandha tinqara lespressjoni "apparentement rilaxxjat" (purporting to be issued) minn dak lufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-"formalitajiet mehtiega", ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta' formalita` li ma jkunx

[73] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar il-22 ta' Ottubru 2004.

essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu essenzjali ghall-forma u mhux dak li hu marginali. Ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina id-Dok. BZ1, bhala suppost kopja ta‟ kuntratt ta‟ bejgh u xiri ta‟ art, kien intiz sabiex jaghti fidi pubblika tal- kontenut tieghu. Ma hemmx dubbju wkoll li dan gie apparentement maghmul minn ufficjal pubbliku – Nutar – u ghalhekk in kwantu ghar-rekwizit ta‟ att "pubbliku", dan ir-rekwizit jirrizulta."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2007) gie kkunsidrat li:

'Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn ilfalz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghallfinijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba

tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan issens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parċmina, injam, ġebel, hadid, plastik, etc."

L-**Artikolu 184** jipprovdi li:

"Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jewskrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni."

L-**Artikolu 188** jipprovdi li:

"(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa."

**Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

L-**Artikolu 308** jipprovdi Li:

"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmenl-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq

ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, metajinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin."

U,

L-**Artikolu 309** jipprovdi li:

"Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħorb'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sasentejn jew il-multa."

Kif għamlet din il-Qorti drabi oħra[74] tagħmel referenza għall-każ "Il-Pulizija vs Aaron Mizzi"[75] fejn ingħad li "*Illi abbażi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jeħtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-użu ta' ingann jew raġġiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-oħra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija biżżejjed biex twassal għall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal għat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-liġi. Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fiddispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deċiża fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgħa mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-*

[74] Ara Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs. Daniel Orsini deċiża fl-24 ta' Ottubru 2022
[75] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent).*"

Il-Qorti tagħmel referenza għal kaz The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou[76] fejn intqal:

For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist:

1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).

2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.

3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.

4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Manicolo[77] fejn ġie ikkonfermat:

"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-

[76] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018
[77] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998

Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew issimulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan joħrog ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq li skorta tal-ġurisprudenza in materja.″

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marjanu Zahra intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali)[78]: 'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe′ bejn min qiegħed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta′ dana ir-reat u ċioè l′uzu ta′ ingann jew raġġieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tattruffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f′sentenza moghtija mill-Qorti ta′l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deċiża fit-22 ta′ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti għamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata għar-rigward ta′ l-elementi ta′ dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b′dan il-mod għar-rigward ta′ dana ir-reat:

″Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta′ serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bhala steljolat u li

[78] Deciza 17 ta′ Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku ħlief ghal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi .....". Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bħala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka firrapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew

c. ta' kwalifiki foloz jew

d. billi jinqeda b'qerq iehor u

e. ingann jew

f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

g. jew ta' hila

h. setgha fuq haddiehor jew

i. ta' krediti immaginarji jew

j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu blassistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din ilQorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."

Għar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iċċitata lill-Imħallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita ta' verità kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."

“....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni talfrodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta’ truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta’lingustizzja tal-profitt u b’dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo.”

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta’l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti irreat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f’sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa “l’elemento del’danno patrimoniale” Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta’ reat huwa necessarju illi jezistu “I tre momenti di cui si compone il reato e’ cioe’ la produzione dell’artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell’ingiusto profitto per l’agente.” (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi ghar-rigward ta’ dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f’sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : “L’agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l’inganno della vittima, come conseguenza dell’azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell’inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l’ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' lartifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bilkonsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew lammont ta' €2329.37.del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Charles Zarb[79] fejn intqal: "Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. Lingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan ilmod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela[80] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita filgurisprudenza taghna. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat). Illi

---

[79] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993

[80] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit filgurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei: 'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.' Antolisei jkompli jghid pero li 'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.' Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."

**Ikkunsidrat**

**Evalwazzjoni tal-kaz**

Mill-provi prodotti jirriżulta li ll-Aġenzija Infrastructure Malta kienet ingaġġat lill-soċjetà kummerċjali AME Health and Safety Services Limited bis-saħħa ta' direct order ibbażat fuq quotation li ġġib id-data tat-30 ta' April 2019[81], sabiex il-kumpannija tipprovdi servizzi li kellhom x'jaqsmu ma' health and safety and environment services skont tariffi elenkati fl-imsemmi dokument.

Minn eżami bir-reqqa ta' d-dokumenti kollha miġbura taħt il-marka CB5, din il-Qorti rriżultalha li l-għadd ta' construction notification forms kienu ġew ipproċessati sabiex l-OHSA tigi notifikata bix-xogħolijiet partikolari f'ċerti

[81] Folio 49 (Dok CB4) ta' l-atti proċesswali

toroq u wara l-verifiki neċessarji l-istess Awtorità toħroġ id-debita Form B li kienet titwaħħal fuq is-sit fejn kellhom isiru x-xogħolijiet.

Infrastructure Malta kienet permezz tar-rappreżentant tagħha kienet tinforma lill-Kap Eżekuttiv tal-kumpannija, l-imputat Josè Bajada dwar fejn kienu se jsiru x-xogħolijiet u min kellu jkun il-kuntrattur magħżul mill-Aġenzija biex iwettaq ix-xogħolijiet. Din l-informazzjoni kienet tgħaddi għand is-segretarja l-imputata Charise Law li kienet iddaħħalhom fid-database tal-kumpannija sabiex l-ispetturi tal-kumpannija jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni u skont l-iskeda li kien jagħtihom l-imputat Josè Bajada jaċċdu għal fuq is-sit biex jagħmlu l-ispezzjonijiet tagħhom.

Kemm mill-istqarrijiet mogħtija mill-imputati kif ukoll mid-diversi xhieda li ġew prodotti waqt is-smiegħ tal kawża, mill-bidu nett feġġ il-problema li kien hemm madwar sebgħin (70) sit b'xogħolijiet mibdija li setgħu kienu jaqbżu l-five hundred man days li ma kienux koperti skont kif ried l-Avviz Legali 88 tas-sena 2018 u għalhekk, l-project supervisor l-Imputat Aldo Busuttil u l-imputat Josè Bajada għaddew lis-segretarja l-imputat Charise Law, il-paġna 4 ta' construction notification form oriġinali li kellha l-firem ta' Henry Attard u Robert Schembri kif ukoll dik tal-imputat Aldo Busuttil. Din il-Qorti tirrileva li l-construction commencement notice bil-firem oriġinali waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża ma ġiet ippreżentata minnħadd u għahekk qiegħda tistrieħ fuq il-kopji fotostatiċi kif ippreżentati mill-Prosekuzzjoni u la darba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar dan il-punt. Peress li kien hemm ħafna construction notification forms x'jintbagħatu lill-OHSA, is-segretarju kienet staqsiet kif kienu se jagħmlu biex jakkwistaw il-firem għal kull notifika. Hija ngħatat struzzjonijiet biex tagħmel kopja elettronika ta' di kir-raba' paġna u kull darba tannetti l-kopja mal-construction notification forms li kienet inkarigata tibgħat online. L-imputata Charise Law fisser, kemm fl-istqarrija tagħha kif ukoll fix-xiehda viva voce li tat, illi hija kienet tagħmel modifiki fuq dik il-paġna qabel

tintbagħat in-notifika. Hija kienet xehed hekk: "... fil-bidu ma kont imiss xejn għax kont nipprintja u nikteb id-data bil-biro mbagħad later on ... kont peress li issa jpeg kont nagħmel insert text box u nagħmel id-date typing it. It was saving us a bit of time flok niprintjaw and then we rescanning." Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx isir sempliċement l-istampar tal-paġna kif kienet oriġinarjament iżda kienu jsiru modifiki fuqha u mbagħad kienet tigi annessa mal-kumplament tal-formola u b'hekk tingħata s-sembjanza ta' formula oriġinali li fil-fatt ma kinitx. Kemm l-imputati kif ukoll iz-zewġ executive directors ta' Infratructure Malta konfermaw li ebda firem oħra ma nagħtaw wara dawk oriġinali tal-bidu. Mix-xhieda irrizulta li ħadd ma qajjem il-kwistjoni dwar il-firem sakemm kien ġie nnotat li l-kumpannija AME Health and Safety Services Limited bagħtet fatturi għall-ħlas li l-uffiċjali ta' Infrastructure Malta kunsidraw eċċessivi u suspettużi. Fil-fatt f'kull notifika li kien jitniżżel li x-xogħolijiet kienu se jinvolvu "five hundred man days". Kien hemm kwistjoni wkoll ta' double payment.

Għalhekk, permezz ta' kwerela ndirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija bid-data tas-17 ta' Lulju 2020, Infratstructure Malta tablet lill-Pulizija tinvestiga sitwazzjoni fejn dokumenti mħejjija minn AME Health and Safety Services Limited u mibgħuta lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol dehru foloz u ngħataw is-sembjanza li kienu tħejjew minn Robert Schembri u Henry Attard uffiċjali tal-Aġenzija kwerelanta. Il-kwerela kienet saret kontra d-diretturi tal-kumpannija Aldo Busuttil u Mario Camilleri. Sussegwentement, wara li saru l-investigazzjonijiet, il-Pulizija Eżekuttiva akkużat lill-Aldo Busuttil, Josè bajada u Charisse Law f'isimhom proprju u bħala uffiċjali tal-kumpannija AME Health and Safety Services Limited. B'hekk, fil-każ in eżami l-imputati ġew mixlija b'diversi reati ta' falsifikazzjoni previsti fil-Liġi nostrali, jiġifieri (i) bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti - l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrihom, (ii) bir-reat ta' użu xjentement minn att, kitba jew skrittura

falza – it-tieni imputazzjoni dedotta kontrihom (iii) bir-reat li għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz – it-tielet imputazzjoni dedotta kontrihom, u (iv) bl-attentat tar-reat tat-twettieq ta' frodi b'għemil qarrieqi – ir-raba' imputazzjoni dedotta kontrihom. Dawn l-imputazzjoni jinsabu riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata l-1 ta' Marzu 2023 fejn hemm indikati, fost oħrajn, l-Artikoli 18, 167, 169, 183, 184 u 188 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (ċitati izjed 'il fuq f'din is-sentenza).

L-imputati, u b'mod partikolari Aldo Busuttil, kkontendew li ma kkommettew ebda reat ta' falzifikazzjoni stante li huma b'intenzjoni ġenwina u għall-prattiċità użaw il-kopja tal-oriġinal bil-firem de quo biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni ta' Infrastructure Malta skond ma ried l-Avviz Legali u jitħaffew il-proċeduri għall-kisba tal-Form B mingħand l-OHSA. Minn eżami bir-reqqa tal-provi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-construction notification form hija wieħed mid-documenti l-oħra li jirreferi għalihom l-Artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huwa document uffiċjali meħtieg skond l-Avviz Legali 88 tal-2018 minn entità pubblika ċioè Infrastructure Malta li hija aġenzija governattiva mwaqqfa bl-Att XXVIII tal-2018 (illum il-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta) u li għal kull construction notification form li kienet tigi sottomessa lill-OHSA kienet tħallas rata lill-kumpannija de quo. Meta l-Imputati pproċessaw il-paġna 4 bil-mod kif imfisser hawn fuq taw x'jinftiehem li l-firmatarji kienu efettivament raw u awtorizzaw il-formola de quo mentri fil-fatt ma kienx il-każ Tant hu hekk li malli ż-żewġ rappreżentanti ta' Infrastructure Malta indunaw x'kien ġara talbu minnufih il-kanċellament tal-formoli de quo peress li bil-"firma" tagħhom kienu ġew esponuti għal responsabbilità dwar siti li ma kinux jafu bihom u setgħu jiffaċjaw konsegwenzi serjissimi. In vista li m'huwiex kontestat li l-formoli de quo kienu waslu għand l-OHSA, għalhekk sar użu minnhom u wara permezz ta' fatturi mibgħuta lill-Infrastructure Malta ntlab ħlas għal kull formula mibgħuta. Irriżulta wkoll illi kien hemm siti b'xogħolijiet

li ma kinux jaqbżu l-five hundred man days u f'dawk il-każijiet ma kienx ikun hemm għalfejn tintbagħat il-construction notification form. Izda, kif irriżulta mix-xiehda ta' l-imputata Charise Law u ta' l-imputat Aldo Busuttil, f'kull formula kienet tnizzlet id-dikjarazzjoni ta' five hundred man days. L-ewwel paġna 4 oriġinali tal-formola de quo kellha dettal (ċioè, id-data) mibdula kontinwament m' kull formula li kienet ġiet ipproċessata għall-ewwel bil-kitba bl-idejn tas-segretarja, l-imputata Charise Law u mbagħad permezz tas-software direttament fuq il-kopja elettronika.

Fir-rigward tar-reat ta' falsifikazzjoni u użu minn dokumnet, għalhekk, l-elementi meħtieġa mill-Artikolu 167 u l-Artikolu 169 u l-Artikolu 183 ġew soddisfatti. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li hija għandha ssib ħatja tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tat-tliet (3) imputati.

Fir-rigward tal-attentat tar-reat ta' truffa u tal-frodi innominata, tenendo in vista l-insenjament tal-ġurispudenza kostanti ċċitata fid-dettal izjed 'il fuq, din il-Qorti tqis li kollox tela' f'wiċċ l-ilma meta Infrastructure Malta rċeviet il-fatturi b'ammonti li hija kkunsidrat li kienu eċċessivi u meta indunat waqfet il-ħlasijiet sakemm wara li talbet li jsiru verifiki u spjegazzjonijiet mingħand id-diriġenti tal-kumpannija, intlaħaq ftehim bonarju u tpaċew id-differenzi. L-ammonti kienu eċċessivi minħabba l-proċedura lleċita li fuq **<u>kull</u>** formola kien jigi dikjarat li kienu meħtieġa five hundred man days u l-billing kien jigi bbażat fuq hekk. Li kieku l-uffiċjali ta' Infrastructure Malta ma ndunawx kieku l-kumpannija kienet se tgawdi benfiċju mhux dovut. Għalhekk, l-imputati ġew mixlija bl-attentat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u, alternattivament, bl-attentat ta' frodi innominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet jinsabu riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 1 ta' Marzu 2023 , fejn hemm appuntu indikati l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami ma hijiex biss kwistjoni ta' gideb, jiġifieri li wieħed iddikjara li kien hemm five hundred man days meta seta' ma kien hemmx, iżda, bl-użu tal-formoli de quo u l-ħruġ ta' Form B mingħand l-OHSA, seta' jintalab il-ħlas li ġie kkunsiderat eċċessiv mingħand Infrastructure Malta.

L-imputati ġew mixlija bir-reat ta' attentat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġuni li għad illi taw bidu b'atti esterni għall-esekuzzjoni tar-reat, u dana billi ppreżentaw talbiet għall-ħlas ibbażat fuq il-five hundred man days imsemmija fil-construction notification forms it-truffa a dannu ta' Infrastructure Malta ma twettiqx, tant illi l-kumpannija ma tħallsitx dak li talbet u fejn tħallset kellha tirrifondi l-ammont żejjed lura meta l-Partijiet ittransiġew id-differenzi tagħhom dwar il-fatturi b'ammonti eċċessivi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li hija għandha ssib lill-imputati ħatija tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Din il-Qorti kkunsidrat ukoll, fil-każ in eżami, ir-reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li jirriżulta min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 1 ta' Marzu 2023. L-Artikolu 18 jipprovdi s-segwenti:

"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, ujkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista'tiżdied minn grad sa żewġ gradi."

Meta qieset li kienu ġew issottomessi ferm aktar minn sebgħin (70) construction notification forms f'dati differenti tul medda ta' żmien, din il-Qorti hija konvinta li dak kontemplat fl-Artikolu 18 jissussiti f'dan il-każ in eżamina.

ta' l-Artikoli 17, 31, 121D, 310, 310A, 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ is-segwenti fatturi:

- L-imputati kkoperaw mal-Pulizija Eżekuttiva ma' l-ewwel hekk kif irrizulta fl-istqarrijiet li taw;

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputati[82] li tirriżulta netta fir-rigward tal-imputata Charise Law u mhux tant netta dik tal-imputati l-oħra;

- Il-Kwerelant, Fredrick Azzpoardi stqarr fix-xhieda tieghu li minn dak in nhar ta' li kienet ġiet ippreżentata l-kwerela kienu tkellmu u rrangaw l-affarijiet bejniethom u fejn kien jidħol flus iddikjara li l-materja kienet ġiet resolta.[83]

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 16, 169, 183, 184, 188, 41(1)(a), 308, 309, 310(1)(a) 17, 31, 121D, 310A, 532A; 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputati **kollha ħatja** individwalment ta' l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, u r-Raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom u tikkundannahom, individwalment, ghal piena kumplessiva ta' sentejn (2) prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin millum. Stante li t-

[82] Folio 6, 13, u 21 ta' l-atti processwali
[83] Folio 71 ta' l-atti processwali

tieni imputazzjoni hija alternattiva ghal-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha kif spjegat aktar il-fuq.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, jekk huma jikkommettu, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Dicembru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**